# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru tlieta (3) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ġimgħa 28 ta' Frar 2014, fl-10am, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi. Il-kunsilliera kienu qablu li jibdew fl-10am.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa għalfejn ma saritx l-attivita tal-isparar [ref punt 3.3]. Din ma saritx għax ma kienx hemm domanda qawwija biex isir.

3.2 Il-Viċi Sindku talab illi nibagħtu emajl uffiċjali lil Wurth biex ngħidulhom dwar il-proposta li ġie aċċettat fil-Kunsill [ref punt 3.6] fejn għandhom dritt jirriklamaw fil-grawnd tal-Kunsill mingħajr ħlas.

3.3 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil talab għal update rigward l-area tal-Ħlantun. Is-Sindku qal illi reġgħet ħarġet it-tender. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi jemmen illi għandna niktbu lil MTA li ma naqblux illi jużaw l-istess materjal illi ħolqu problemi fil-passat [ref 3.7 fejn is-Sindku kien qal illi ħa

jużaw l-istess tip ta' materjal]. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi għandna ngħidu wkoll illi residenti ta' Żurrieq, jew Ħal Safi, illi jaħdmu mal-MTA u li huma nvoluti fil-proġett, m'għamdhomx ikollhom id-dritt biex jieħdu deċiżjoni biex ma jkunx hemm konflitt t'interess. Is-Sindku reġa kkonferma li c-CCTV se jsiru fil-konfini ta' Żurrieq u li aħna għandna nixmu skont id-deċiżjoni tad-DLG rigward il-konfini. Żied illi tlett ġimgħat ilu kien ifirma biex jagħti permess li jiġi l-kuntrattur biex jirranġaw il-ħofor u li suppost dan ix-xogħol għandu jsir dalwaqt.

Il-Viċi Sindku staqsa jekk se jsir patching fejn il-Ġnien ta' Sir Alexander Ball. Is-Sindku qal illi għandhom jibdew dalwaqt. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi dan ix-xogħol għandu jsir meta tisbieħ it-temp.

3.4 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi l-isleeping policeman ilhom fir-raħal għal għoxrin sena [ref punt 3.9] u ma jistax jemmen illi kienu hemm mingħajr permess. Is-Sindku qal illi konna qegħdin inkissru l-liġi bl-isleeping policeman il-ġodda [mhux dawk lli huma bit-tarmakk]. Is-Sindku ħareġ rapport tal-ADT (issa TM) bid-data ta' 1/10/2008, fejn kien hemm miktub illi l-ADT ma sabux oġġeżjoni li jsiru l-isleeping policeman jekk il-Kunsill jimxi mal-proċeduri, li fosthom inkludew:

"No prejudice is created to third party rights"

"Hump width has to be at least 3.9metres", fejn tagħna kienu 1metre

"For 1 way roads it should not be implemented within 5metre distance from the corner, and 15 metres distance in the case of a 2 way road" u tagħna ma kienux.

Il-kunsillier Publius Abdilla lmenta li avolja dawn huma regolamenti, fil-verita l-Kunsilli kolla qegħdin jiksruhom jekk dawn huma l-liġijiet.

Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi jħoss hemm it-tidwir. Qal ukoll illi għandu ħafna rispett għas-sur Francis Callus izda ma qabilx mat-tmexxija tiegħu bħala Sindku Is-Sindku rrisponda li spiċċajna f'dan is-sitwazzjoni fil-preżent minħabba ksur ta' regolamenti fil-passat. Is-Sindku qal illi barra li jagħmel ix-xogħol bħala Sindku, iqis illi jibgħat emajls hu biex ikun jaf x'qed jiġri meta ikun hemm problemi bħal tal-isleeping policeman.

Il-kunsillier Publius Abdilla ma qabilx mat-tmexxija tas-sitwazzjoni u qal illi ma jistax ikun illi l-problemi bdew sitt snin wara li dawn l-isleeping policeman tpoġġew fejn kienu sa kemm ħadhom xi ħadd.

Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi hemm mitt elf ħaġa x'jista jsemmi [rigward tgergir] imma dan jixtieq jgħidhom lis-Sindku fil-kwiet u li issa ried ikompli l-laqgħa. Is-Sindku stiednu biex isemmi dawn l-ilmenti u zied illi hu mhux għaddej b'kampanja elettorali u li, bħala kunsillier, qatt ma prova jwaqqaf ix-xogħol.

Il-kunsillier Publius Abdilla tkompla li l-ilment sar minn naħa tiegħu u tal-kunsillier Pietru Pawl Busuttil (fuq is-sitwazzjoni tal-isleeping policeman) għax l-azzjoni sar mingħajr il-kunsens tal-Kunsill u għalhekk mhux il-Kunsill neħħa l-isleeping policeman. Qal illi kien hemm ftehim illi terġa titwaħħal imma minflok tneħħiet il-parti l-oħra. Is-Sindku qal illi dejjem qabel ilil terġa titwaħħal, izda ħa l-azzjoni li kellu jieħu meta sar jaf illi dawn kienu hemm kontra l-liġi u qal illi jrid jisma mingħand in-nies u li ma jistax jaqbad u ma jagħtix kaz il-petizzjoni. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi l-petizzjoni li qed jirreferi għalih is-Sindku huwa filfatt ittra ta' ringrazzjament li neħħija. Qal ukoll illi qabel illi għandna nagħtu kaz petizzjonijiet, imma zied illi għandna nieħdu deċiżjonijiet f'isem il-ġid tar-raħal. Qal ukoll illi s-Sindku kien parti tal-leġislatura li qablu li jagħmlu l-isleeping policeman hemm f'2008.
Is-Sindku qal illi m'hemmx 'hard feelings' u waqt illi se jkun hemm kampanja qal illi kollha qegħdin fil-kunsill għal ġid tar-raħal u l-kunsilliera kollha qablu. Talab lil kunsillier Pietru Pawl Busuttil biex javzaħ jekk jisma xi lmenti oħrajn.

## 4. Korrespondenza

4.1 Memo 25/2013: Is-Segretarju Eżekkutiv qal illi l-Kunsill ħa €2000 għal Festa Agrikultura u Frott li bi ħsiebu jagħmlu f'Settembru 2014. Dan huwa l-istess ammont bħal 2013, izda taħt l-istess sejħa ta' fondi [Memo 25/2013 fejn il-fondi kienu għal attivitajiet fil-Milied 2013 u fis-sajf 2014] il-Kunsill kien għamel użu ta' €3000 oħra għal Milied Safi 2013.

4.2 Memo 4/2014: Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li hemm sejħa għal fondi għall-użu tal-librerija fejn id-DLG jagħti l-istess ammont ta' flus illi l-Kunsill lest illi jagħti f'isem il-librerija. Il-Kunsill qabel illi nagħtu €250 [u b'hekk nieħdu €250 mid-DLG], u qablu wkoll illi jinxtraw kotba politiċi fejn irid ikun hemm akkwist ugwali ta' pubblikazzjonijiet ta' kull partit.

## 5. Approvazzjoni tal-pagamenti/approvazzjoni tal-pagamenti tal-laqgħa preċedenti

5.1 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa dwar il-pagament li kellu jsir għal arblu. Is-Sindku spjega li se nieħdu l-flus lura mill-insurance għax dak il-pagament sar wara li kien hemm ħsara fuq propjeta tagħna wara aċċident ta' karrozza f'Novembru.

5.2 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa dwar il-pagament dovut lil J. Sammur and Associates. Dan l-ammont huwa dovut għas-servizz tal-avukat li kien jagħti parir legali meta l-IPSL ħadu l-ħaddiema mill-Kunsill lejn l-aħħar ta' 2012. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi kien hemm qbil illi s-Sindku jieħu parir legali izda qatt ma qbilna li jammontaw dawn l-ispejjez kolla [€1020]. Is-Sindku qal illi jekk ma jkunx hemm qbil fuq il-pagament se jħallas hu imma li l-Kunsill kien qabel illi se nqabdu l-avukat tiegħu. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi mhux se jiffirma l-PAS bil-pagament inkluż. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi għandna naraw x'hemm miktub fil-Minuti li ġew approvati meta kien hemm dan il-kaz. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi jekk il-Minuti juru li ddeċċidejna hekk, jiffirma l-PAS.

5.3 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa għal informazzjoni rigward il-pagament dovut lil Inspirations. Dawn kienu għal-kabinets il-ġodda li xtara l-Kunsill għal kamra li qed jużaw tas-Servizzi Soċjali.

5.4 Il-kunsilliera qablu mal-Payment Approval Sheet u ffirmaw l-Payment Aprroval Sheet tal-laqgħa preċedenti.

**6. Financial Statements**

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta 'breakdown' tal-Financial Statements ta' 2013. Spjega li avolja jidher illi hemm deficit ta' €2831, dan mhux qed iqis id-€19,000 Capital Commitments li ħallas fuq l-istatements tas-sena preċedenti. Qal ukoll illi l-Kunsill ħallas il-fuq minn €14000 li kienu dovuti lil Perit Anthony Bezzina li kienu part payments antiki għal proġetti tal-Ġnien Sir Aelxander Ball u għax-shelters. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi avolja naħdmu bi baġit pjutost żgħira, il-Kunsill xorta qed jaħdem breakeven, anka meta qegħdin isiru payments li jagħmlu parti mill-Capital Committments. Fl-istess ħin qal illi żdiedu l-Assets tal-Kunsill matul is-sena u l-valura tal-propjeta wkoll tista titla bil-bini tal-I.T room li qed isir fuq il-propjeta tal-Kunsill.

6.2 Il-kunsilliera approvaw il-Financial Statements.

## 7. Kontinwazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa preċedenti

7.1 Il-Kunsill sema r-rekording li kien talab għalih il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil fil-laqgħa preċedenti [ref punt nru. 7.1]. Is-Sindku kien qal illi peress illi qablu 4 kunsillier, l-isleeping policeman kienu se jerġgħu jitwaħħlu. Ir-raġunijiet għalfejn dan ma sarx huma spjegati f'punt nru. 3.4 ta' din il-laqgħa.

Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi kienet hemm u għanda terġa titwaħħal u qal illi l-kunsillier Carlo Stivala spjega kif it-triq ġiet falsa issa kif inhi f'laqgħa preċedenti u li jaqbel miegħu.

Is-Sindku reġa spjega kif kienu qegħdin ikissru l-liġi u qal illi m'għandhomx jeħlu lura sakemm ma jkolniex il-permess ta' TM. Qal illi mxejna kontra x-xewqat tan-nies, waqt illi kissirna regolamenti ta' TM. Għalhekk qal illi m'għandhiex teħel meta aħna marbutin li nagħtu kaz il-petizzjoni, u meta aħna marbutin biex nobdu l-liġijiet.

Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi nqalet għal raġunijiet differenti minn dawn illi qalu TM, u li qatt ma qalu xejn fil-passat [l-aħħar sitt snin kemm ilhom inwaħħlin hemm]. Qal ukoll illi minn dak iż-żmien s'issa ġew kemm il-darba biex jgħidulna x'għandna bzonn nirranġaw, imma qatt ma semmew l-isleeping policeman ta' triq Ta' Ġawħar. Qal ukoll illi s-Sindku ma tax kaz il-petizzjoni preċedenti. Is-Sindku qal illi dik kienet petizzjoni falza u l-kunsilliera kollha kienu qablu li ma kinitx waħda serja.

Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi jekk hemm aċċident is-Sindku se jkun responsabbli. Is-Sindku rrisponda li f'dak il-kaz ir-responsabilita taqa f'idejn TM.

Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi għandna bzonn Traffic Management madwar ir-raħal kollu. Qal illi għanda teħel izda biss wara li nisimgħu l-parir ta' TM. Qal illi m'għanhiex tkun ġlieda bejn is-Sindku u l-eks Sindku. Qabel lil titwaħħal izda biss wara li nisimgħu l-parir ta' TM. Avza wkoll illi dejjem hemm possibilita li l-affarijiet inbiddlu minn 2008 (meta rċevejna dawk ir-regolamenti msemmin f'punt 3.4) s'issa. Zied illi min iffirma l-petizzjoni mhux qed jagħti kas is-sigurta ta' dawk ta' madwarhom u qal ukoll illi min neħħa l-isleeping policeman xorta għamel zbal u huwa responsabli għal dawn il-problemi kollha. Qal illi tkellem ma uffiċjal ta' TM u qal li l-verita huwa li kiku nimxu skont ir-regolamenti kiku anqas sleeping policeman waħda ma jkolna fir-raħal. Fl-aħħar qal illi peress illi trasport huwa dekasteru tiegħu, ħafna nies qegħdin jistaqsu għal ħsieb tiegħu rigward it-triq ta' Ta'Ġawħar u jixtieq illi nieħdu l-passi skont il-liġi biex ikunu jafu li mexjin sew.

Is-Sindku qal illi għandna nieħdu stand, imma reġa qal illi m'għandniex imorru kontra TM. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi alura għandna nneħħuhom kollha għax dejjem se noħolqu preġudizju jew dejjem se jkunu inqas mid-distanza ta 15m minn kantuniera.

Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi għandna nibagħtu lil TM. Is-Sindku qal illi diġa sar kommunikazzjoni.Is-Segretarju Eżekuttiv ħareġ l-ittra li ġie ndirizzat lil TM.

Il-Kunsill qabel illi nistennew għar-risposta qabel ma jittieħed azzjoni

7.2 Is-Sindku qal illi ħallasna biss għal konkos [ref punt 7.2] u li l-Kunsill se juza l-ħaddiema tal-IPSL biex ikompli x-xogħol fuq il-bankina f'triq il-Ħajt Ruman.

7.3 Is-Sindku qal illi għandna bzonn nagħmlu kaxxa ġdida meta nirranġaw il-fontana [ref punt 7.8]

**8. Ħwejjeġ Oħra**

8.1 Is-Sindku qal illi se ssir party tal-Karnival għat-tfal nha rit-Tnejn 3 ta' Marzu. Qal illi xtaq jagħti dan l-informazzjoni qabel izda peress illi ma kienx hemm quorum fl-aħħar alqgħa kelna nkomplu bil-pjanijiet. Il-kunsilliera ma oġġeżjonawx izda l-kunsillier Publius Abdilla qal illi darb'oħra għandhom ikunu avzati bit-telefon.

8.2 Is-Sindku qal illi peress illi Child Care Centre's se jsiru mid-Dipartiment issa, u se joffru servizz b'xejn. il-Kunsill m'għandux għalfejn jidħol fl-ispejjez għall-bini tal-Child Care Centre li ġie propost fil-passat. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi xorta għandna nkomplu bil-pjan u min irid iħallas ikollu għażla fejn jibagħtu t-tfal. Il-kunsillier Publius Abdilla zied illi forsi nagħmlu profit mill-bini stess. Is-Sindku qal illi l-Ministru stess tah parir biex ma nagħġlux fuq il-proġett għalissa.

8.3 Is-Sindku qal illi ltaqa mal-Kurja imma ma kellhomx offerta vijabli għal post għan-Night Shelter.

8.4 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi fid-29 ta' Marzu se jsir re-enacment għad-dokumentarju. Għamel talba biex nagħlqu t-toroq lejn il-Pjaza għal ftit sigħat [8am sa 2pm]. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni mill-Kunsill.

8.5 Il-Viċi Sindku Johan qal illi hemm bozza maqtuha fil-Karwija, kif ukoll hemm pipe mimli ħmieġ f'triq in-Nassaba.

8.6 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa jekk il-Kunsill ġie kkonsulta rigward l-għażla tal-President il-ġdid tal-Kunsill Skolastiku. Is-Segretarju Eżekuttiv irisponda fin-negattiv.

8.7 Il-kunsillier Carlo Stivala staqsa jekk jista jiġbor il-barriers għall-attivita tal-Ħadd [ċiklizmu] nhar is-Sibt filgħodu. Is-Sindku qal illi jkunu lesti għalih.

**9. Laqgħa li jmiss**

9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-1.15pm.

9.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir fit- 12 ta' Marzu 2014 fl- 4pm wara li qablu bejniethom il-kunsilliera.

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Francis Callus | Anthony Attard |